**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Ottubru, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 150/2020 AF**

**Francis Bonello u Mary Dolores Bonello née Calleja**

**vs**

**Global Capital Financial Management Limited**
**(C-30053)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi Francis Bonello u Mary Dolores Bonello, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti Francis Bonello illum ghandu erba' u sebghin (74) sena u huwa pensjonant.  Fiz-zmien ta' meta gara dak li hu mertu ta' din il-kawza  huwa kien appena ttermina servizz twil mac-Civil fejn kien spicca bhala ufficjal fid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Martu, Mary Dolores Bonello, ghandha tnejn u sebghin (72) sena.  Hija kienet hadmet bhala segretarja *part-time* f'ditta ta' periti, apparti illi kienet ukoll mara tad-dar u omm.

F'Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006), wara snin twal jahdem mac-Civil, l-esponent Francis Bonello rtira mis-servizz ta' wiehed u sittin (61) sena, u rcieva *gratuity* minn ghand il-Gvern ta' dsatax 'il elf tlett mija u hamsin Liri Maltin (Lm19,350).  Huwa xtaq li jinvesti din is-somma b'mod prudenti, kawt, u b'mod li ttieh dak il-ftit ta' rendiment, liema introjtu jmur biex jissuplementa il-pensjoni tas-sigurtà socjali. B'hekk hu u martu jkunu jistghu jghixu ahjar fl-età tal-irtirar.  Kien zmien li s-socjetà konvenuta kienet taghmel pubblicità estensiva fuq il-mezzi tax-xandir dwar is-servizzi ta' investiment taghha u l-konjugi Bonello marru fl-ufficji tas-socjeta' konvenuta biex jiehdu parir kif l-ahjar jinvestu s-somma li rcevew.  Hemm hekk, huma gew allokati "*Financial Planning Manager*", Riteanne Brincat.  L-esponenti qalulha li xtaqu jiehdu parir kif jaghmlu l-investiment b'mod li jiehdu xi ftit imghax ta' kull sena.  Huma ghamlu premura kif l-investiment kellu jkun sikur tant li l-kapital ikun garantit.  Riteanne Brincat qaltilhom li ser ittihom parir biex jinvestu fi ***The Protected Asset Traded Endowment Plan Fund No 2 – EUR ("PATF TEP 2 EUR")*** liema prodott kien wiehed "*low risk*" u kellu l-kapital garantit, kif kien jidher anke fil-fuljetti li tathom.  Hekk kif jistghu jixdhu l-esponenti, Riteanne Brincat qaltilhom ukoll li hi stess, kif ukoll il-familjari taghha, investew f'dan il-Fond peress illi ghandu l-kapital garantit.  Fuq dan il-kliem, l-atturi qablu li jinvestu s-somma tal-*gratuity* ta' dsatax-il elf tlett mija u hamsin Liri Maltin (Lm19,350) u ziedu

tlett elef mija u hamsin Lira Maltin (Lm3,150) biex ghaqqdu s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf u hames mitt Liri Maltin (Lm22,500). Riteanne Brincat bdiet timla l-formoli, **minghajr l-ebda spjegazzjoni** ulterjuri, la dwar l-investiment innifsu u lanqas dwar il-kontenut tal-formularju, u sempliciment talbet lill-atturi jiffirmaw fejn indikatilhom. Ma nghatat l-ebda kopja tal-ebda dokument li l-esponenti ffirmaw. Huwa sintomatiku l-fatt illi f'laqgha wahda ta' xi tlett kwarti sar dan l-investiment fil-*PATF TEP 2 EUR* ta' somma ekwivalenti ghal wiehed u hamsin elf sitt mija u disa' u sittin Ewro u hamsin centezmu (€51,669.50) fl-ismijiet kongunti tal-atturi.

Ftit xhur wara, cioè f'Mejju 2007, l-attrici Bonello regghet, flimkien ma' zewgha, marret l-ufficcji tas-socjetà konvenuta biex tinvesti f'isimha biss is-somma ta' sebat elef u hames mitt Liri Maltin (Lm7,500) li kienet faddlet meta kienet tahdem *part-time* bhala segretarja f'ufficcju ta' periti. Anke din id-darba il-*Financial Planning Manager* kienet Riteanne Brincat li tatha l-istess parir ta' qabel biex tinvesti l-ekwivalenti f'Ewro ta' sbatax-il elf mitejn u hamsin Ewro u disa' u tmenin centezmu (€17,250.89) fil-*PATF TEP 2 EUR*. Ghal darb'ohra Riteanne Brincat hadet il-firem tal-attrici Bonello fuq il-formularju tas-sojcetà konvenuta u ghal darba ohra ma saret **l-ebda spjegazzjoni** fuq il-kontenut taghhom u ma nghatat l-ebda kopja lill-attrici. L-uniku dokumenti li nghatat l-attrici kien fuljett iehor tal-*PATF TEP 2* u l-Ircevuta ghas-somma ta' sebat elef u hames mitt Liri Maltin (Lm7,500).

L-esponenti atturi bdew jinnutaw sa mill-ahhar tas-sena elfejn u tmienja (2008) li l-investimenti taghhom fil-*PATF TEP 2* beda jgarrab telf kapitali sostanzjali ferm. L-unità li kienu nxtraw f'Ottubru elfejn u sitta (2006) u f'Mejju elfejn u sebgha (2007) bi prezz ta' €1.2005 u €1.2467 kull unità rispettivament, kienu nizlu drastikament fil-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal €0.8306, tnaqqis ta' tletin fil mija (30%) u tlieta u tletin fil-mija (33%) rispettivament. Il-prezz kompla niezel biex lahaq il-qiegh fi Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) ghal €0.7470. L-esponenti mal-ewwel ilmentaw mas-socjetà konvenuta dwar dan u dwar dak li dejjem kien intqalilhom li dan huwa investiment ta' riskju baxx u bil-kapital garantit. Riteanne Brincat ghas-socjetà konvenuta qaltilhom li

jekk jigbdu kollox issa, jigifieri qabel ma jghaddu hames snin mill-investiment, huma jehlu penali ta’ hamsa fil-mija (5%), haga li l-esponenti jiddikjaraw li qatt ma ntqalitilhom qabel. Riteanne Brincat tathom parir biex ma jippanikkjawx u jistennew biex il-prezz jirkupra.

F’Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009), l-atturi ghamlu lment bil-miktub mas-socjetà konvenuta. F’April tas-sena elfejn u disgha (2009), is-socjetà konvenuta cahdet dan l-ilment ghalkemm il-prezz fil-fatt irkupra xi ftit, dan baqa’ qatt ma ha r-ruh u ghalhekk f’Mejju elfejn u tnax (2012) u Lulju elfejn u tnax (2012) l-atturi ddecidew li jifdu l-investiment taghhom, u xorta gew penalizzati bi *penalty fee* li sadattant l-PATF dahhlet anke fuq fidi li jsir wara hames snin.

Fl-ewwel investiment, dak f’ismijiet kongunti, ghal investiment ta’ wiehed u hamsin elf sitt mija u disa’ u sittin Ewro u hamsin centezmu (€51,669.50), huma rkupraw rikavat ta’ bejgh ta’ disa’ u tletin elf u wiehed u sittin Ewro u disa’ u tmenin centezmu (€39,061.89), u rrealizzaw telf kapitali ta’ tnax-il elf sitt mija u seba’ Ewro u wiehed u sittin centezmu (€12,607.61), ekwivalenti ghal erba’ u ghoxrin punt erba’ fil-mija (24.4%) tal-kapital, u minghajr ebda dhul.

Fit-tieni investiment, dak f’isem l-attrici wahedha, ghal investiment ta’ sbatax-il elf mitejn u hamsin Ewro u disa’ u tmenin centizmu (€17,250.89), hija rkuprat rikavat ta’ bejgh ta’ tnax-il elf tlett mija u hmistax Ewro u disghin centezmu (€12,315.90), u rrealizzat telf kapitali ta’ erbat elef disa’ mija u erba’ u tletin Ewro u disa’ u disghin centezmu (€4,934.99), ekwivalenti ghal tmienja u ghoxrin punt sitta fil-mija (28.6%) tal-kapital, u minghajr ebda dhul.

Sadattant, is-socjetà konvenuta baqghet qatt ma pprovdiet lill-esponenti kopja tad-dokumenti ffirmati minnhom fil-process li sar fl-investiment. Dawn il-kopji gew ipprovduti lill-esponenti biss fi Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) meta l-konsulent finanzjarju indipendenti li marru jiehdu parir minn ghandu f’Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) talab ghall-istess dokumenti, b’mod partikolari l-A*ccount Opening Form and Client Profile*, il-*File Notes* u l-*Experienced Investor Declaration*.

Dan l-investiment tal-*PATF TEP 2 EUR* huwa strument finanzjarju kumpless tat-tip *asset backed securities* li jinvesti fi *traded life policy investments,* u li huwa ta' riskju gholi, tant li huwa tat-tip ***Professional Investor Fund*** u intiz biss ghal ***Experienced Investors*** fl-istess tip ta' investiment. Illi l-esponenti ma kellhom l-ebda taghrif, tahrig jew esperjenza precedenti fi kwalunkwe tip ta' investiment, wisq anqas f'dan it-tip ta' investiment specjalizzat li s-socjetà konvenuta bieghetilhom permezz tar-rapprezentanti taghha. Tabilhaqq l-uniku investiment li qatt ghamlu qabel kien wiehed, sittax-il sena qabel, ghas-somma ta' mija u sitt Liri Maltin (Lm106) meta gie privatizzat il-Bank of Valletta, u qatt xejn aktar.

Is-socjetà konvenuta, b'nuqqas ta' hila, prudenza, diligenza u attenzjoni, u bi ksur tal-obbligi legali u professjonali taghha, tat parir lill-esponenti jinvestu flushom f'dan il-prodott spekulattiv minkejja li l-esponenti kienu ddikjaraw li kellhom attitudni ta' riskju kawt u konservattiv u li ma riedux riskju ghal kapital.

Is-socjetà konvenuta, kemm oralment kif ukoll permezz ta' *brochure* li ddistribwiet lill-esponenti, zvijathom meta qaltilhom u ttamathom li dan l-investiment kien ta' riskju baxx.

L-investiment imsemmi li l-esponenti kienu indotti jinvestu flushom fih ma kienx addattat u idoneju ghalihom, jew ahjar ma kienx *suitable* kif ir-regim regolatorju applikabbli jesigi. Lanqas ma kien kompatibbli mac-cirkostanzi taghhom, mal-assenza totali taghhom ta' taghrif u esperjenza precedenti fl-investimenti, u mal-*loss absorption capacity* taghhom, kif mehtieg mir-regim regolatorju applikabbli u r-Regoli tal-MFSA applikabbli fiz-zmien tal-bejgh.

Inoltre, is-socjetà konvenuta naqset li taghti lill-esponenti l-informazzjoni kollha mehtiega w rilevanti dwar in-natura ta' dawn l-investimenti u r-riskji involuti fihom, u naqset li taccerta ruhha li l-esponenti kienu kapaci jifhmu r-riskji u kapaci jiehdu decizjoni infurmata qabel jinvestu fil-PATF TEP 2 EUR.

Huwa ghalhekk car li s-socjetà konvenuta naqset fil-konfront tal-esponenti mill-obbligi taghha li taghtihom servizz b'diligenza,

sengha, hila u kura; ghall-kuntrarju, is-servizzi provduti mis-socjetà konvenuta lill-esponenti nghataw bi traskuragni w negligenza kuntrattwali grossolana u bi ksur w inadempjenzi tal-obbligi kuntrattwali, rizultat ta' nuqqas ta' *client due diligence* u *product due diligence,* bi ksur car tal-ligijiet u r-regim regolatorju applikabbli, u tal-obbligi fiducjarji taghha.

Inoltre, is-socjetà konvenuta approfittat ruhha min-nuqqas ta’ gharfien esperjenza fil-qasam tal-investimenti tal-atturi, u b’mala fidi, dizonestà u b’qerq, u bi ksur tal-obbligi professjonali u fiducjarji taghha, ottjeniet minghand l-atturi firem ghal dikjarazzjonijiet u kundizzjonijiet li l-esponenti qatt ma setghu jifhmu l-portata taghhom. Inoltre uhud minn dawn id-dikjarazzjonijiet lanqas kienu veritjieri, anzi kienu il-kuntrarju ta’ dak li ntqal jew inghata *ad intendere*, u ttiehdu biss biex permezz ta’ dan l-artificju is-socjeta’ konvenuta tkun tista’ ddahhal lill-atturi f’investiment li kien intiz biss ghal investituri professjonali u ta’ esperjenza u li ma kienx addattat ghalihom u mhux fl-interess taghhom.

Dan kollu huwa kontra l-principju generali tal-Kodici Civili li l-kuntratti ghandhom isiru bi *bona fede*, u wkoll kontra d-dispozizzjonijiet tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378, Taqsima VII, meta ttiehdu dikjarazzjonijiet mhux gusti u pprojbiti, ntuzaw prattici kummercjali mhux gusti, saru atti u ommissjonijiet qarrieqa, ntweriet nuqqas ta’ diligenza professjonali, u ntuzat influwenza mhux xierqa bl-isfruttament ta’ posizzjoni ta’ poter mill-istess socjetà konvenuta fil-konfront tal-esponenti bhala *retail investors*.

B’rizultat ta’ dawn in-nuqqasijiet kollha tas-socjetà konvenuta, l-esponenti garrbu danni ingenti konsistenti f’telf massicc tal-kapital investit u tad-dhul iehor relattiv, ghal liema danni ghandha twiegeb s-socjetà konvenuta.

Kien ghalhekk li l-esponenti ma kellhom ebda triq ohra hlief li jintavolaw l-proceduri odjerni sabiex jissalvagwardjaw d-drittijiet taghhom.

L-esponenti jiddikjaraw li huma jafu b’dawn il-fatti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjetà konvenuta ma agixxitx fl-ahjar interess tal-atturi u agixxiet bi mala fidi u b'nuqqas ta' onestà, u naqset mill-obbligi kuntrattwali, legali u professjonali taghha fil-konfront tal-esponenti, fl-ghoti tas-servizzi ta' investiment fuq imsemmi;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li, b'rizultat ta' dan l-agir u tan-nuqqasijiet attribwibbli lill-konvenuta, l-esponenti sofrew danni ingenti konsistenti f'telf ta' kapital u qligh;

3. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-esponenti s-somma likwidata u dovuta maghmula minn telf ta' kapital ta' tnax-il elf sitt mija u seba' Ewro u wiehed u sittin centezmu (€12,607.61) u erbat elef disa' mija u erba' u tletin Ewro u disa' u disghin centezmu (€4,934.99), total ta' sbatax-il elf hames mija u tnejn u erbghin Ewro u sittin centezmu (€17,542.60), u li peress li qatt ma thallas l-ebda interessi, bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) ai termini tal-Kodici Civili mid-data tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) u t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha 2007 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz it-talba biex din l-Onorabbli Qorti, ai termini tal-Artikolu 223(5) tal-Kap. 12, tiffissa s-somma li tista' tintalab bhala spejjez ghax-xhud *ex parte* prodott mill-atturi. Bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjetà konvenuta li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni, u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra kompetenti lill-esponenti fir-rigward.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà Global Capital Financial Management Limited, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

B'referenza ghall-ewwel (1) paragrafu tar-rikors promotur, is-socjetà intimata tghid illi l-fatti hemm allegati mhux kontestati in kwantu din l-informazzjoni rigward l-atturi tirrizulta mill-'*Account Opening Form and Client Profile'* datata 24 ta' Ottubru

2006 (hawn annessa bhala Dok 'GC2') liema formola mtliet ftit zmien qabel ma' l-atturi nvestew flimkien f' '*The Protected Asset TEP Fund No.2 – EUR*', kif ukoll mill-'*Account Opening Form and Client Profile'* datata 21 ta' Mejju 2007 (hawn annessa bhala Dok 'GC3') fir-rigward tal-investiment li sar sussegwentement mill-attrici wehidha f' '*The Protected Asset TEP Fund No.2 – EUR'* ('TEP 2' jew 'PATF') liema dokument jindika wkoll id-ditta ma' min kienet tahdem l-attrici.

Fir-rigward tat-tieni (2), t-tielet (3) u t-tminn (8) paragrafi tar-rikors promotur, is-socjetà intimata tghid illi ghalkemm l-atturi kienu ddikjaraw illi riedu jinvestu xi flus li kellhom il-bank kif jirrizulta mill-*File Notes* relattivi ghall-investimenti (Dok 'GC4' u Dok 'GC5' hawn annessi), jirrizulta wkoll miz-zewg '*Account Opening Form and Client Profile'* Dok 'GC2' u Dok 'GC3' iffirmat mill-atturi, illi s-'*source of wealth'* tal-atturi kien '*Previous Investments'*. Fil-fatt hemm indikat fl-istess '*Account Opening Form and Client Profile'* illi l-atturi kellhom '*BOV shares*' u '*MGS's'*; Inoltre l-atturi kienu ffirmaw dikjarazzjoni specifika intitolata '*Evidence of Present & Previous Investments'* (Dok 'GC6' hawn annessa) fejn iddikjaraw u ikkonfermaw bil-firma taghhom is-segwenti:

> *"Mr. & Mrs. Bonello mentioned that this is not the first time that they are doing an investment. In fact they have investments with other investment providers. The clients do not feel comfortable to give us copies of documents of their existing investments, but confirmed that they have reasonable experience in the acquisition and/or disposal of funds of a similar nature and risk profile."*

L-attrici iffirmat dikjarazzjoni ohra simili meta hija investiet wahedha fis-sena 2007 (ara Dok 'GC7' annessa).

L-atturi jghidu wkoll f'paragrafu tnejn (2) li l-prodott kellu '*l-kapital garantit'*, u fl-istess nifs jiddikjaraw li l-prodott '*kien wiehed "low risk"'*; Ghaldaqstant l-atturi qed jikkontradixxu lilhom infushom; Illi f'dan ir-rigward l-esponenti terga tirreferi ghal '*Account Opening Form and Client Profiles*' Dok GC2 u Dok GC3 iffirmati mill-atturi minn fejn jirrizulta car illi l-attitudni ghal riskju tal-atturi kien '*Cautious*' u mhux '*Secure (capital*

*guaranteed)* ; Dan huwa kkorroborat ukoll mill-*File Notes* relattivi ghaz-zewg investimenti (Dok 'GC4' u Dok 'GC5') ukoll iffirmati mill-atturi fejn jinghad li "*The Investment Objective is to provide investors with capital growth and low risk through investment in a diversified portfolio…*" u li "*All applicable risks of this product were explained to the client and client confirmed that she has understood such risks*" u li *"The value of these investments and the income derived could go up as well as down and we may not receive the amount originally invested."*; Illi assolutament mhuwiex minnu dak li jghidu l-atturi li fuq il-fuljett li nghata lilhom hemm indikat li l-prodott in kwistjoni kellu l-kapital garantit.

L-esponenti tichad il-bqija tal-allegazzjonijiet f'paragrafu tnejn (2) u tlieta (3) bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u f'dan ir-rigward tirreferi ghal paragrafu numru erbgha (4) ta' din ir-risposta.

Rigward paragrafu (4) tar-rikors promotur u specifikatament rigward dak illi jghidu l-atturi li Ritienne Brincat ma qaltilhomx rigward il-penali ta' hamsa fil-mija bil-fidi tal-investiment, is-socjetà intimata izzid tghid illi dawn il-penali ma setghetx tkun taf bihom Ritienne Brincat ghaliex kif inhu maghruf pubblikament, din kienet mizura temporanja li l-fond ha fit-18 ta' April tal-2011 biex jipprotegi l-interessi tal-investituri kontra zieda fil-livell ta' fidi; Dan kien rizultat indirett tal-krizi finanzjarja li faqqghet fis-sena 2008 meta fallew numru ta' istituzzjonijiet finanzjarji u minhabba l-fatt li n-nies tilfu flushom minn investimenti ohrajn, bdew jifdu l-fondi taghhom fil-PATF li kien aktar stabbli u mhux daqstant volatili; Peress illi numru konsiderevoli ta' investituri bdew jifdu l-investimenti taghhom fil-PATF biex jaghmlu tajjeb ghat-telf li garrbu band'ohra, l-PATF kienet qieghdha titqieghed taht pressjoni biex tbiegh percentwali gholi mill-investimenti sottostanti taghha qabel ma dawn jimmaturaw minflok ma zzomm dawk l-investimenti sakemm jimmaturaw; Illi sabiex tilqa' ghad-domanda eccessiva fil-fidi li kienet qed tesperjenza f'dak iz-zmien il-PATF hadet numru ta' mizuri temporanji bil-hsieb illi tipproteggi l-investituri; Primarjament dawn kienu: (i) mizuri sabiex tillimita l-fidi mill-fond ghal 5% fil-mument li fih ikun qed isir il-fidi (hekk imsejha "*redemption gates*"); u (ii) mizuri sabiex l-investimenti tal-fond

jigu valutati skond il-valur nett realizzabbli ("*net realizable value*") taghhom minflok il-valur nett taghhom ("*net asset value*"); Illi dawn il-mizuri ttiehdu mill-PATF, ghall-ahjar interess tal-investituri, kif imhabbar fl-04 ta' Dicembru tal-2008 (ara Dok. PATF 1); Illi rizultat anki ta' dawn il-mizuri, f'Dicembru tal-2008 il-prezz tat-TEP 2 waqa' b'mod konsiderevoli; Illi filwaqt illi l-mizuri suriferiti kienu temporanji kienu wkoll mizuri eccezzjonali ghaliex intizi biex jipprotegu l-fond minn krizi finanzjarja globali minghajr precedent fi zminijiet moderni.

Ghalhekk il-fond impona "*discretionary redemption penalty*" fuq il-fidi tal-investimenti fil-fond, fejn qabel (partikolarment fiz-zmien li fih l-atturi akkwistaw l-investimenti *de quo*) din il-penali ma kienitx tigi imposta (ara Dok. PATF 4); Maz-zmien din id-"*discretionary redemption penalty*" ukoll tnaqqset ghal 5% fit-03 ta' Novembru 2011 (ara Dok. PATF 5); Illi la l-krizi finanzjarja u lanqas din id-"*discretionary redemption penalty*" ma kienu previsti fiz-zmien li fih l-atturi ghamlu l-investimenti taghhom fit-TEP 2, liema penali giet imposta mid-diretturi tal-PATF (mhux mill-intimata) bhala mizura eccezzjonali u temporanja u biex tipprotegi kontra l-fidi eccessiv.

Rigward il-fidi tal-investimenti, dawn saru wara li l-atturi iffirmaw dikjarazzjoni illi kienu gew mgharfa b'dawn il-penali (Dok 'GC8' hawn annessa), izda xorta ddecidew li jifdu l-investimenti taghhom f'dan iz-zmien; Illi l-atturi ddecidew li jifdu parti mill-units tal-investiment f'erbgha darbiet – fis-7 ta' Novembru 2007 fdew 2990.24 units u rcievew is-somma ta' €3,616 b'penali ta' €229.75 ('Sale Contract Note' hawn annessa bhala Dok 'GC9i'); fit-30 ta' Marzu 2012 fdew 16,218.75 units u rcievew is-somma ta' €15,098.03 b'penali ta' €754.058 ('Sale Contract Note' hawn annessa bhala Dok 'GC9ii'); fit-30 ta' April 2012 fdew 15,414.50 units u rcievew is-somma ta' €14,361.69 b'penali ta' €718.08 ('Sale Contract Note' hawn annessa bhala Dok 'GC9iii'); u fit-30 ta' Mejju 2012 fdew 8,416.49 units u rcievew is-somma ta' €7,851.74 b'penali ta' €392.59 ('Sale Contract Note' hawn annessa bhala Dok 'GC9iv'); Illi l-attrici wahedha fdiet l-investiment taghha fis-17 ta' Lulju 2012 u hija ircieviet is-somma ta' €12,964.11 b'penali ta' €648.21 ('Sale Contract Note' hawn annessa bhala Dok 'GC10'); Illi l-valur tal-

PATF wara dan iz-zmien beda jirkupra sakemm wasal biex qorob sew ghall-prezz tal-2006.

Mill-bqija ta' dak li nghad mill-atturi f'paragrafu erbgha (4) tar-rikors promotur, is-socjetà intimata tikkonferma illi l-atturi kienu ghamlu ilment bil-miktub f'Marzu tas-sena 2009 u s-socjetà intimata rrispondiet ghall-ilment taghhom fis-7 ta' April 2009.

Fir-rigward tal-paragrafu hamsa (5) tar-rikors promotur, is-socjetà intimata tirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bhala kompletament foloz u infondati; Izzid tghid illi ma kien hemm assolutament xejn li jzomm l-atturi milli jitolbu, fi kwalsiasi mument (kemm meta sar l-investiment kif ukoll sussegwentement) kopji tal-istess dokumenti u fil-fatt mkien fir-rikors taghhom ma jghidu li huma talbu kopja tal-istess dokumnetazzjoni u li din giet irrifjutata lilhom; Illi jirrizulta minn dak illi jghidu l-atturi fir-rikors promotur illi malli talbu ghad-dokumentazzjoni din inghatat lilhom minnufih; Ghaldaqstant jirrizulta li dak li jallegaw l-atturi f'paragrafi tnejn (2), tlieta (3) u hamsa (5) tar-rikors promotur ma huwiex minnu u huwa kontradett mill-fatti.

Fir-rigward tal-paragrafi sitta (6) u sebgha (7) tar-rikors promotur, s-socjetà intimata tispjega illi l-investiment in kwistjoni kien mahrug mis-socjetà "*The Protected Asset TEP Fund PLC*" mwaqqfa fl-Isle of Man bhala kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli. Skond il-prospett mahrug mill-istess fond "*PATF is designed to provide investors with capital growth and relatively low risk*" (Dok PATF 3). Il-funzjonarji tal-fond kienu kollha funzjonarji li fiz-zmien in kwistjoni kienu jgawdu l-ghola reputazzjoni professjonali fis-suq. Fosthom, l-amministratur tal-fond kien Abacus Financial Services Limited imwaqqaf fl-Isle of Man u regolat mill-Isle of Man Government Financial Supervision Commission. Il-kustodju tal-fond kien RBSI Trusee Services (Guernsey) Limited, sussidjarja fi hdan il-Grupp Bankarju Royal Bank of Scotland (bl-azzjonisti ikunu The Royal Bank of Scotland International Holdings Limited – 70% u The Bank of New York International Financing Corporation – 30%). L-imsemmija RBSI Trusee Services (Guernsey) Limited kienet licenzjata ai termini tal-Protection of Investors lliwick of Guernsey) Law 1987.

Rigward dak li jghidu l-atturi fuq il-PATF, l-esponenti tichad l-allegazzjonijiet li huwa investiment kumpless u ta' riskju gholi bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt (l-atturi lanqas biss jispjegaw fuq liema bazi waslu ghall-konkluzjoni illi l-investiment kien wiehed ta' riskju gholi u kumpless); L-esponenti tghid illi meta wiehed iqis ir-regoli 2.25.a u 2.26 tal-Investment Services Rules tal-MFSA u l-informazzjoni li kienet tezisti dwar l-investiment in kwistjoni fil-mument li fih inbieghu l-istess investimenti, ossia f'Ottubru 2006 u f'Mejju 2007, it-TEP 2 kellu jitqies bhala strument li mhuwiex kumpless skond l-istess regoli u dan *inter alia* peress illi ghall-fini tar-regola 2.26 : (a) l-investiment ma kienx jaqa' taht "paragraph (c) of 'transferable securities' in the Glossary to these [Investment Services] Rules, or under Paragraph (4) to (10) of the Second Schedule to the [Investment Services] Act"; (b) skond il-prospett relattiv, il-PATF kien jipprovdi mezz ghall-fidi regolari tal-ishma fit-TEP 2 bi prezz stabbilit skond il-para. 2.26(b) tal-Investment Services Rules; (c) ir-responsabbiltà tal-investitur fit-TEP 2 kienet limitata ghall-kapital investit ; u (d) kien hemm disponibbli informazzjoni adegwata dwar l-investiment in kwistjoni fiz-zmien li fih sar dak l-investiment u n-natura ta' dik l-informazzjoni kienet tali li setghet tinftiehem minn investitur retail ordinarju sabiex jaghmel id-decizjoni tieghu dwar l-investiment; Illi bir-rispett kollu l-atturi jallegaw illi l-investiment *de quo* kien wiehed kumpless minghajr ma lanqas biss jispjegaw fuq liema bazi waslu ghal din il-konkluzjoni.

Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost anki kieku ghall-grazzja tal-argument biss l-investiment in kwistjoni kellu jitqies bhala wiehed kumpless, dan ma jfissirx li ma setax jinbiegh lill-atturi skond ir-regoli vigenti fiz-zmien in kwistjoni; Illi dan huwa evidenti minn qari ta' Standard Licence Conditions 2.14 u 2.25 tal-Investment Services Rules tal-MFSA u ghalhekk anki kieku l-prodott kellu jigi meqjus bhala wiehed kumpless xorta seta' jinbiegh lill-atturi skond ir-regoli tal-MFSA li jimplimentaw id-Direttiva MiFID; Illi fi kwalsiasi kaz, rigward l-investiment tal-atturi flimkien li sar f'Ottubru 2006, dan sar qabel ma dahal fis-sehh il-MiFID.

Di più rigward l-esperjenza precedenti tal-atturi, l-esponenti tirreferi ghal dak li nghad f'paragrafu tnejn (2) ta' din ir-risposta b'referenza ghad-dokumenti GC2, GC3, GC6 u GC7 fejn l-atturi indikaw specifikatament illi huma kellhom l-esperjenza izda ma riedux jizvelaw id-dettalji tal-investimenti taghhom; Illi apparti dawn id-dokumenti, l-atturi ddikjaraw ukoll f'*Experienced Investor Declaration Forms*[1] iffirmati minnhom stess illi huma *"A person who has reasonable experience in the acquisition and/or disposal of funds of a similar nature or risk profile, or owns a property of the same kind as the property, or a substantial part of the property to which the Professional Investment Fund in questions relates"* u li *"I hereby confirm that I am eligible to be treated as an 'Experienced Investor' in light of the positive response/s that I have given to the criteria above."*

Ghar-ragunijiet suesposti, s-socjetà intimata tafferma illi fil-mument li l-atturi akkwistaw l-investimenti in kwistjoni, dan l-investiment fl-isfond tal-informazzjoni li kienet tezisti dwaru u abbazi tal-informazzjoni li kellha s-socjetà intimata dwar l-atturi stess kellu l-premessi kollha sabiex fil-fehma ragonevoli tas-socjetà intimata jinbiegh lilhom bhala investiment b'riskju baxx jew limitat; Illi l-avvenimenti li graw sussegwentement fis-swieq finanjarji internazzjonali u l-impatt taghhom fuq il-PATF ma kinux ragjonevolment prevedibbli.

Ghaldaqstant l-esponenti tichad fermament dak li nghad f'paragrafu sebgha (7) tar-rikors promotur li hija tat xi parir jew li b'xi mod agixxiet *"b'nuqqas ta' hila, prudenza, diligenza u attenzjoni"*, jew li kisret l-obbligi legali u professjonali taghha bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt; Illi kif digà inghad, abbazi tal-informazzjoni li kienet tezisti dwar l-investiment in kwistjoni fiz-zmien li fih sar dan l-investiment, l-istess investiment ma kienx meqjus bhala wiehed spekulattiv jew ta' riskju gholi u abbazi tat-test li sar lill-atturi dan l-investiment setgha jinbiegh lilhom skond ir-regoli vigenti fiz-zmien in kwistjoni, kif ser ikompli jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Rigward paragrafu disgha (9) tar-rikors promotur, l-esponenti tichad l-allegazzjonijiet maghmula li l-atturi gew indotti jinvestu

[1] Dok 'GC11' datata 24 ta' Ottubru 2006 u Dok 'GC12' datata 21 ta' Mejju 2007.

flushom f'investiment mhux addattat u idoneju ghalihom bhala kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt ; Illi kif già inghad, mhuwiex minnu li l-esponenti zvijat lill-atturi dwar ir-riskju tal-investiment u/jew li induciethom biex jaghmlu investiment li ma kienx idoneju ghalihom skond l-informazzjoni li kellha l-esponenti fiz-zmien in kwistjoni.

Rigward paragrafu ghaxra (10) tar-rikors promotur, is-socjetà intimata tafferma illi kuntrarjament ghal dak allegat, l-atturi kienu ben konsapevoli illi l-investiment mertu tal-kawza odjerna kellu element ta' riskju abbinat mieghu; Illi inoltre s-socjetà intimata tichad l-allegazzjoni li hija naqset milli taghti l-informazzjoni kollha dwar in-natura tal-investiment u r-riskji involuti, kif ukoll li naqset li taccerta ruhha li l-atturi kienu kapaci jifhmu r-riskji involuti; Illi rappresentanti tas-socjetà intimata kienu spjegaw lill-atturi li l-investiment kien jikkomporta element ta' riskju kif jirrizulta anki mill-brochure tal-PATF - liema brochure l-atturi jikkonfermaw fir-rikors promotur para. 2 u 3 li nghatatilhom darbtejn – ghal kull investiment; Inoltre jirrizulta mill-*'file notes'* relattivi ghall-investimenti in kwistjoni u iffirmati mill-atturi (Dok GC4 u Dok GC5) illi l-atturi stess ikkonfermaw, fost affarijiet ohra, illi kienu fehmu kif jahdem l-investiment *de quo* u r-riskji abbinati mieghu; Apparti minn hekk ikkonfermaw ukoll illi gew imwissija illi l-valur tal-investiment u l-qliegh relattiv jista' jitla' kif ukoll jinzel u li jista' jkun ukoll illi jiehdu lura anqas mis-somma investita minnhom.

Rigward paragrafu hdax (11) tar-rikors promotur, is-socjetà intimata tirrespingi bhala infondata fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjoni tal-atturi illi hija tathom servizz b'nuqqas ta' diligenza, sengha, hila u kura u li agixxiet bi traskuragni w negligenza kuntrattwali grossolana u bi ksur u inadempjenzi tal-obbligi kuntrattwali u/jew nuqqas ta' *client due diligence* u *product due diligence* bi ksur tal-ligijiet u r-regim regolatorju u tal-obbligi fiducjarji taghha (minghajr ma lanqas biss jispecifikaw liema huma dawk il-ligijiet, regolamenti u/jew obbligi li qed jirreferu ghalihom).

B'referenza ghal paragrafu tnax (12) tar-rikors promotur, is-socjetà intimata tirrespingi bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt il-varji allegazzjonijiet maghmula mill-atturi; Illi l-

esponenti tichad fermament illi hija ottjeniet minghand l-atturi firem ghal dikjarazzjonijiet u kundizzjonijiet li ma setghux jifhmu l-portata taghhom u tasserixi illi kwalunkwe dokument iffirmat mill-atturi gie iffirmat minnhom liberament u xjentement; Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjetà intimata issostni illi hija agixxiet in buona fede u wettqet l-inkarigu taghha fedelment in konnessjoni mal-akkwist tal-investiment *de quo* mill-atturi kif ser jirrizulta ulterjorment fil-kors tal-kawza.

Inoltre, s-socjetà intimata ssostni illi hija ma agixxietx bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-atturi; Illi d-dikjarazzjonijiet li qed issir referenza ghalihom mhumiex, u ma jistghu qatt jigu kkunsidrati skont il-ligi, bhala dikjarazzjonijiet pprojibiti mhux gusti kif jippruvaw jaghtu x'jifhmu l-atturi; Illi addirittura dawn l-istess dikjarazzjonijiet huma rikjesti skond l-Investment Services Rules applikabbli tal-MFSA (ara per ez. SLC 2.27).

Fir-rigward tal-paragrafu tlettax (13) tar-rikors promotur, is-socjetà intimata tghid lli hija ma ghandha l-ebda responsabbiltà jew htija ghal danni jew ghat-telf li setghu garrbu l-atturi meta ddecidew li jifdu l-investiment taghhom fi zmien hazin u li l-pretensjonijiet tal-atturi fil-konfront taghha huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.

Il-fatti indikati fil-paragrafi suriferiti ta' din ir-risposta huma maghrufin lir-rapprezentanti tal-esponenti in kwantu jaf bihom fil-mansjoni tieghu bhala ufficcjal tas-socjetà intimata.

**L-Eccezzjonijiet**

Ghaldaqstant in vista tas-suespost is-socjetà intimata ghandha s-segwenti eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet tar-rikorrenti:

Illi, preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-ewwel (1) talba tal-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt in

kwantu mhux minnu li s-socjetà intimata ma agixxitx fl-ahjar interess tal-atturi u agixxiet bi mala fidi u b'nuqqas ta' onestà u li naqset mill-obbligi kuntrattwali, legali u professjonali taghha fil-konfront tal-atturi fl-ghoti tas-servizz ta' investiment li attwalment inghata lill-atturi;

Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet surriferiti, t-talbiet kollha l-ohra tal-atturi huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu, apparti li ghad trid issir il-prova tad-dannu li qed jigi allegat mill-atturi, s-socjetà intimata mhiex responsabbli versu l-atturi ghal ebda dannu jew telf li seta' gie soffert minnhom u ghalhekk is-socjetà intimata ma ghandhiex tigi kkundannata thallas ebda ammont in linea ta' danni jew telf jew imghaxijiet lill-atturi u ghaldaqstant it-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-eccepjenti ghandhom jigu respinti;

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-tielet talba ghall-imghaxijiet hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt;
Illi apparti l-fatt li la l-kapital u lanqas d-dhul jew tkabbir kapitali ma kienu garantiti mis-socjetà intimata, jigi sottomess illi l-atturi ghamlu l-investiment *de quo* fl-2006 u l-2007 jigifieri ftit snin biss qabel l-akbar krizi fis-swieq finanzjarji li rat id-dinja mis-snin 1930 'l hawn.  Ghalhekk tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiz-zmien in kwistjoni, l-atturi ma jistghux jassumu illi kieku investew flushom f' investiment iehor il-kapital taghhom kien ser jibqa shih u/jew li kienu ser jaghmlu xi dhul mill-investimenti taghhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-relazzjoni tal-espert tekniku ex-parte Paul Bonello, *certified public accountant*, liema relazzjoni ġiet ikkonfermata bil-ġurament fit-2 ta' Marzu 2021.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi din hija kawża marbuta ma' żewġ investimenti li għamlu l-atturi fuq parir u struzzjonijiet ta' rappreżentanta tas-soċjetà konvenuta. Il-Qorti qegħda delibertament tagħżel illi ma ssemmix lir-rappreżentat b'isimha għar-raġuni li din il-persuna mhijiex parti f'dawn il-proċeduri u lanqas biss tressqet sabiex tixhed.

L-atturi xehdu illi l-investimenti ma marrux tajjeb tant illi meta fdewhom spiċċaw ġarrbu telf importanti, telf li fil-fehma tal-atturi jammonta għal xejn inqas minn €17,542.60. Jallegaw illi fil-mument li ffirmaw id-dokumentazzjoni dwar tali investimenti id-dokumenti relattivi ma nqrawx lilhom u lanqas ma ġie mfisser lilhom ir-riskji li tali nvestimenti kienu jġorru magħhom. L-atturi jgħidu wkoll illi huma straħu fuq dak li qaltilhom ir-rappreżentanta tas-soċjetà konvenuta għaliex kellhom fiduċja sħiħa fis-soċjetà konvenuta. Madanakollu, tenut kont tat-telf illi ġarrbu u ta' kif żvolġew il-fatti, l-atturi jallegaw aġir negliġenti, illegali u abbużiv da parti tas-soċjetà konvenuta.

Permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jippretendu riżarċiment tat-telf li ġarrbu mill-investimenti liema telf jammonta komplessivament għas-somma ta' €17,542.60, l-imgħax bir-rata ta' 8% dekorribbli minn dak inhar li saru l-investimeti rispettivi kif ukoll l-ispejjeż minnhom inkorsi in relazzjoni ma' tali investiment.

Is-soċjetà konvenuta laqgħet billi eċċepiet il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16. Fil-mertu, is-soċjetà konvenuta eċċepiet illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u li hija m'għandha ġġorr ebda responsabbilità vis-à-vis l-atturi.

Ikkunsidrat illi mill-atti jirriżulta illi l-atturi huma persuni li f'ħajjithom ħadmu u ġemmgħu dak illi setgħu waqt illi fil-

mument illi l-attur ħareġ bil-penzjoni l-atturi raw kif ikabbru l-kapital tagħhom bil-għan li jkollhom dħul addizzjonali mal-pensjoni li jirċievi l-attur. L-atturi xehdu li kienu għamlu biss investiment wieħed f'ħajjithom, investiment f'ammont irriżorju li jirrisali għas-sena 1990. L-investimenti li għamlu fl-età tal-pensjoni għamluhom fuq parir tar-rappreżentanta tas-soċjetà konvenuta. L-attur xehed illi s-soċjetà konvenuta kienet ilha tirreklama s-servizzi tagħha fuq il-mezzi tax-xandir. L-atturi dehrilhom li s-soċjetà konvenuta setgħet tagħtihom parir u għalhekk straħu fuq dak illi ngħad lilhom għaliex kellhom fiduċja fiha.

L-atturi rrikorrew ġewwa l-uffiċini tas-soċjetà konvenuta fis-sena 2006 u dak inhar stess ġew assenjati ma' rappreżentanta speċifika sabiex tassistihom. F'dan l-ewwel inkontru r-rappreżentanta ssuġġeriet lill-atturi illi jinvestu f'The Protected Asset Traded Endowement Plan Fund No. 2 – EUR (PATF TEP 2 EUR). Skont ma' xehed l-attur l-istess rappreżentata rrassikurathom li dan kien investiment tajjeb għalihom u għal persuni li bħalhom kienu ħarġu bil-pensjoni. Tenniet tgħidilhom ukoll li hi u l-familjari tagħha wkoll kienu nvestew f'dan il-fond. L-attur kompla jixhed illi r-rappreżentanta qaltilhom li dan kien investiment b'riskju baxx u kapital garantit. Dak il-ħin stess hija bdiet timla l-formoli relattivi u talbet lill-atturi jiffirmaw. L-attur xehed li ffirmaw il-karti mingħajr ma qraw il-kontenut u dan għaliex fi kliemu "*kelli fiduċja fihom*"[2]. Dak inhar l-atturi nvestew it-total ta' €45,073.

It-tieni nkontru seħħ f'Mejju tas-sena 2007 meta l-attriċi waħedha rrikorriet ġewwa l-uffiċini tas-soċjetà konvenuta bl-intenzjoni li tinvesti s-somma ta' €7,500. Hemm reġgħet ġiet assenjata mal-istess rappreżentanta li kienet assistiethom fuq l-ewwel investiment. Din issuġġeriet li l-attriċi tinvesti fl-istess fond u dak il-ħin stess ħejjiet id-dokumentazzjoni relattiva u talbet lill-attriċi tiffimaha.

L-atturi xehdu li waqt illi huma ma kienux talbu kopja tad-dokumenti minnhom iffirmati, dawn lanqas ma ġew offruti lilhom. Kopja tad-dokumenti ngħatat biss wara li Paul Bonello,

---

[2] A fol. 191

espert finanzjarju, fuq inkarigu *ex-parte* tal-atturi, talab li jikseb kopja tad-dokumentazzjoni relattiva għaż-żewġ investimenti sabiex janalizzahom.

Intant, fis-sena 2008 l-atturi bdew josservaw illi l-fond li kienu nvestew fih ma kienx sejjer tajjeb tant illi kien qiegħed iġarrab telf sostanzjali. Meta lmentaw dwar dan mas-soċjetà konvenuta, l-atturi ġew rassikurati li ma kienx hemm raġuni għaliex jallarmaw ruħhom u li riedu jagħtu żmien sabiex il-fond jirkupra. Stante illi baqgħu mhux sodisfatti minn dak li ngħad lilhom mir-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta, l-atturi rreġistraw ilment mal-Awtorità ta' Malta Dwar is-Servizzi Finanzjarji (MFSA). Irid jingħad illi wara li eżaminat il-każ tal-atturi, l-MFSA ikkomunikat id-deċiżjoni tagħha fis-sens li l-atturi kienu edotti mir-riskju ta' dan l-investiment speċifiku stante l-fatt illi kellhom id-dettalji kollha miktuba fuq id-dokumentazzjoni minnhom iffirmata fil-mument li sar l-investiment.

Fis-sena 2012, wara li taw żmien sabiex il-fond jirkupra iżda dan baqa' jirreġistra telf, l-atturi għażlu li jbiegħu l-investimenti sabiex ma jkomplux iġarrbu telf ulterjuri. Kien f'dan il-punt li saru jafu li kienu ser jeħlu penali ta' 5% għar-raġuni li kienu ser jifdu l-investiment f'temp ta' anqas minn 5 snin mindu kienu għamlu l-investiment.

Mill-provi jirriżulta illi mill-ewwel investiment fis-somma ta' €51,669.50 ġabru €39,061.89 waqt illi mit-tieni investiment fl-ammont ta' €17,250.89 ġabru €12,315.90.

Fir-relazzjoni tekinka tiegħu, Paul Bonello spjega illi l-investiment propost lill-atturi huwa "*an experienced investor fund*" intiż unikamet għal persuni li huma "*sufficiently experienced to understand the risks associated with an investment in PATF*".

L-espert studja l-kwistjoni fil-fond u fir-relazzjoni tiegħu pprovda analizi dettaljata dwar l-investiment mertu ta' din il-kawża. Huwa tratta wkoll każistika rilevanti għall-każijiet bħal dak in diżamina u r-responsabbilità tas-soċjetà konvenuta u r-rappreżentanti tagħha għall-akkadut. Huwa wasal għas-segwenti konklużjonijiet:

*"Fil-fehma tas-sottsoskritt, u kif spjegat fid-dettal f'dan ir-Rapport supra, is-socjeta' konvenuta kienet negligenti fl-agir taghha u naqset serjament minn dik l-onesta' mitluba mid-doveri fiducjarji u regolatorji taghha lejn l-atturi meta:*

*i. naqset li tapprezza tajjeb ic-cirkostanzi personali tal-atturi fl-ghoti tas-servizz ta' investiment Advisory fir-rigward tal-Prodott PATF TEP2, b'mod partikolari l-assenza totali ta' taghrif u esperjenza fl-investiment, u fi kwalunkwe kaz anke li kieku, dato ma non concesso, s-servizz kellu jigi kkunsidrat Promote & Sell, in-nuqqas ta' taghrif u esperjenza tal-atturi kieni tali li I-PATF, prodott intiz ghal investituri b'esperjenza, qatt ma seta' jkun addattat ghalihom;*

*ii. naqset li taghmel assessment tal-idonjeta' tal-prodott ghall-atturi b' ghaqal, hila u diligenza kif titlob il-ligi fil-materja, inkluz l-obbligazzjonijiet fiducjarji u dawk regolatorji;*

*iii. naqset li tapprezza li l-klijenti ma kienux kapaci jifhmu u japprezzaw ir-riskji finanzjarji u legali involuti;*

*iv. ma ghamlet l-ebda due diligence sura ta' nies fuq il-prodott PATF TEP 2 biex tivvalida l-istatements maghmula fil-materjal promozzjonali taghhom, u rizultat ta' dan in-nuqqas ghamlet assessment tekniku kompletament zbaljat tal-profil tar-riskju tal-prodott meta qassmet l-istess materjal lill-atturi u anke oralment u bil-miktub ipprezentat il-prodott bhala li huwa ta' "Low Risk", u hekk l-atturi spiccaw zvijjati;*

*v. tat parir li huwa dijatrimikament oppost ghal dak li talbu l-atturi mis-socjeta' konvenuta, jigifieri inghataw parir ta' prodott ta' riskju gholi meta kien specifikat, li l-attitudni ta' riskju taghhom kien wiehed baxx;*

*vi. hadet dikjarazzjonijiet minn ghand l-attur u martu li mhux biss ma kienux veritjiera izda li jizvantaggjaw lill-istess atturi, bi ksur flaganti tal-obbligi fiducjarji tas-socjeta' konvenuta fil-konfront tal-atturi;*

*vii. ghamlet uzu minn ufficjal tal-kumpannija biex jaghti servizz ta' investiment li, sia jekk kien Advisory u sia jekk kien Promote & Sell, liema ufficjal ma kienx awtorizzat kompetenti biex jipprovdi*."

Michael Schembri, in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta xehed illi skont ma jirriżulta lilu mill-*file notes* jidher illi l-atturi kellhom "*medium to cautious attitude*" li jfisser li kienu disposti jaċċettew element ta' riskju fl-investimenti tagħhom. Kompla jixhed illi l-firma tal-atturi fuq id-dokumenti relattivi hija prova suffiċjenti tal-fatt li fehmu l-import tad-dikjarazzjonijiet kontenuti f'dawk id-dokumenti. Żied jgħid illi l-atturi ffirmaw ukoll dikjarazzjoni fejn jistqarru li kienu *experienced investors*.

Schembri issokta jgħid illi l-penali ta' 5% li jirreferu għaliha l-atturi hija *discretionary redemption penalty* ntrodotta mill-fond t'investiment fit-18 t'April 2011 bil-għan illi jiġu protetti l-investituri.

Dwar il-fatt li l-atturi ma rċevewx imgħaxijiet huwa spjega li dan kien dovut għall-fatt li dan it-tip t'investiment huwa tat-tip '*accumulator fund*' li jfisser li minflok illi l-qliegħ jitqassam f'imgħax il-qliegħ jiġi riflessi fi tkabbir tal-kapital bil-frott tat-tkabbir jitgawda meta jiġi mifdi l-investiment.

Għal dak illi jirrigwarda t-telf imġarrab mill-atturi, Schembri xehed illi dan kien dovut għall-fatt illi l-atturi biegħu fi żmien ħażin. Madanakollu, in kontro-eżami xehed illi sal-lum il-prezz tal-investiment baqa' ma' ntlaħaqx.

In kwantu r-rappreżentant li biegħet l-investiment lill-atturi, Schembri xehed illi ma jafx jekk din kienitx awtorizzata tagħti parir. Xehed illi hija kienet tiffirma bħala *financial advisor* u kellha funzjoni ta' *promote and sell*.

Fl-isfond tal-fatti li jsawwru l-kawża tal-lum, il-Qorti sejra tgħaddi minnufih sabiex tittratta l-eċċezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni li jekk tirriżulta ppruvata sservi sabiex twaqqaf l-azzjoni fil-mertu.

Il-Qorti qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fejn tolqot il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) fi sfond ta' kawżi fil-konfront ta' *financial services providers*.

Is-soċjetà konvenuta qegħda teċċepixxi l-preskrizzjoni ta' ħames snin li ai termini tal-Artikolu 2156(f) tapplika għal *azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku.*

Peress illi l-preskrizzjoni eċċepita hija waħda estintiva tad-dritt għar-riżarċiment tal-kreditu, irid jittieħed kont ta' minn mindu tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Huwa prinċipju stabbilit illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-mument li fih l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata, prinċipju dan illi jinsab rifless fl-Artikolu 2137 tal-Kap. 16[3].

L-Artikolu 2156 tal-Kap. 16 ma jistax jinqara u jiġi nterpretat in iżolament iżda jeħtieġ jiġi mħaddem flimkien mal-Artikoli 2137 u 2160 tal-istess kodiċi.

L-Artikolu 2137 jaqra hekk:

> *"Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."*

L-Artikolu 2160 jaqra hekk:

> *"(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, ma jaghtux gurament minn jeddhom waqt il-kawza li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.*

[3] Ara fost l-oħrajn: **Mizzi Estates Limited vs Frank Borda et**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Ottubru, 2014

*(2) Jekk il-gurament jinghata mill-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn ohrajn li l-jeddijiet taghhom gejjin minghand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-haga ghandha tinghata.*

*(3) Fil-proceduri ghall-gbir ta' debiti li ghalihom hemm referenza fil-proviso ghall-artikolu 2156, meta parti taghti gurament li hija mhijiex debitur, din trid taghti ragunijiet ghaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur."*

Fid-dawl ta' dak illi jipprovdi għalih l-Artikolu 2160 in kwantu l-applikazzjoni tal-Artikolu 2156(f), jeħtieġ illi l-Qorti tqis żewġ fatturi determinati u cioè: a) il-mument minn mindu tibda tiddekorri l-preskrizzjoni; b) il-ġurament deċiżorju tad-debitur skont il-formola preskritta mill-Artikolu 2160.

Kif diġà ingħad il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minnufih malli d-danneġġjat ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu għall-azzjoni, f'dan il-każ waħda ta' riżarċiment.

Mill-kronoloġija tal-fatti traċċjata aktar 'il fuq f'din is-sentenza, jirriżulta għal din il-Qorti illi l-azzjoni attriċi kienet esperibbli mit-30 ta' Mejju 2012 u cioè mill-mument meta l-atturi fdew l-aħħar parti tal-investiment tagħhom u minn hemm irriżulta kemm effettivament kien it-telf globali minnhom imġarrab. Il-kawża ta' llum inbdiet permezz ta' rikors tal-20 ta' Mejju 2020. L-atturi xehdu li dawn tal-lum huma l-uniċi proċeduri u passi legali li qatt ħadu fil-konfront tas-soċjetà konvenuta għar-rigward il-mertu ta' din il-vertenza.

Huwa evidenti għalhekk illi l-perijodu preskrittiv kif stabbilit ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 altru milli kien għadda fil-mument li fih l-atturi ntavolaw il-kawża tagħhom. Dan premess, sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni kif sollevata mis-soċjetà konvenuta, il-Qorti trid tittratta wkoll it-tieni element tal-azzjoni u cioè dak ravviżat ai termini tal-Artiklu 2160 tal-Kap. 16. A propositu, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Frar 2018 fl-ismijiet P&S (C4860) et vs Noel Zammit et, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili daħlet *fuditus* fil-kwistjoni tal-effetti provokati mill-emendi għall-Artikolu 2160. Il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*"…Li forsi ma fhemx il-Konvenut hu, li l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikoli 2156(d)u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili.*

*20. Dan l-artiklu jistabilixxi, li min irid jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, ghandu (i) jixhed minn jeddu u (2) jaghti l-gurament waqt il-Kawza li ma hux debitur. L-anqas ma jista' jghid li ma jiftakarx li l-haga giet imhallsa, ghaliex dan ix-xorta ta' gurament huwa riservat ghall-eredi tad-debitur tant li fit-test tal-ligi il-kliem uzat huwa "ma jiftakrux" (ara Decizjoni fl-ismijiet Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri tal-Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955).*

*21. Minkejja t-tibdil fil-ligi kif fuq inghad, dawn iz-zewg formuli ta' gurament xorta baqghu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eccezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, minghajr ma tuza t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eccezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal ghall-konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tieghu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu imsemmi. …"*[4]

Fil-każ tal-lum, fl-ebda waqt tal-proċeduri ma jirriżulta illi Michael Schembri għan-nom tas-soċjetà konvenuta, issodisfa l-vot tal-liġi kif preskritt fit-termini ta-Artikolu 2160. Konsegwentement ma tistax is-soċjeta' konvenuta tipprevalixxi ruħha mill-preskrizzjoni qasira ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16.

[4] Ara wkoll: **Bottega Del Marmista Ltd vs Paul Mifsud et**, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 26 ta' Jannar 2018.

**Fil-Mertu**

Permezz ta' din l-azzjoni l-atturi qegħdin ifittxu li jiksbu likwidazzjoni u ħlas tad-danni minnhom imġarrba kawża tal-aġir tas-soċjetà konvenuta meta din biegħetilhom prodott li ma kienx jgħodd għalihom, kif ukoll illi naqset pależement fl-obbligi fiduċjarji tagħha vis-à-vis l-atturi.

Da parti tagħha s-soċjetà konvenuta tikkontesta l-pretensjonijiet attriċi u tikkontendi illi hija mhijiex responsabbli għal xi telf imġarrab mill-atturi għaliex tgħid illi mhuwiex minnu li tat xi pariri ħżiena jew qarrieqa lill-atturi. Tisħaq illi li kieku stennew qabel biegħu l-investimenti l-atturi ma kinux iġarrbu tali telf.

Qabel xejn il-Qorti tosserva illi għalkemm fl-atti sar aċċenn għad-Direttiva 2004/39/KE magħrufa fis-settur bħala MiFID ossia *Markets in Financial Instruments Directive*[5], din id-Direttiva u r-regoli hemm kontenuti ma jistgħux japplikaw għall-każ in diżamina stante l-fatt illi din id-Direttiva daħlet fis-seħħ b'effett minn l-1 ta' Novembru 2007 u ġiet sussegwentement emendata fl-4 ta' Novembru 2009 u għalhekk wara li l-atturi kienu għamlu l-investimenti tagħhom.

Il-Qorti taqbel perfettament ma' dak illi osservat din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet Saviour Cutajar vs ALL Invest Company Ltd fejn ingħad illi f'kawżi bħal ma hija dik ta' llum, l-ewwel u qabel kollox għandu jiġi stabbilit jekk is-servizz offrut kienx rakkomandat jew le. Dan il-punt huwa determinati sabiex jiġi stabbilit jekk is-servizz offrut kienx tat-tip *investment advice* li allura jpoġġi oneru akbar fuq is-soċjetà konvenuta li tosserva l-obbligi tagħha skrupolożament. Wara ampja referenza għall-każistika relevanti, il-Qorti osservat illi rakkomandazzjoni tirriżulta meta l-informazzjoni li tiġi provduta tkun tali li ġġiegħel lill-akkwirent jagħżel dak il-prodott minn ieħor. Ir-rakkomandazzjoni mhux neċessarjament trid issir b'mod espliċitu iżda tista' tiġi nferita miċ-ċirkostanzi ta' kif il-prodott ġie offrut lill-klijent. Jingħad dan għaliex anki jekk f'moħħ il-provditur tas-servizz ma kienx l-iskop

[5] Permezz ta' din id-Direttiva ġew emendani d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill waqt illi ġiet imħassra d-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE

li jagħmel rakkomandazzjoni, jista' jagħti l-każ illi l-mod ta' kif ġiet imwassla l-informazzjoni kien tali li jinduċi lill-klijent sabiex jagħżel prodott minn ieħor. Dan jgħodd ukoll anki jekk il-provditur tas-servizz kien jaf li l-prodott mhuwiex addattat għall-klijent.

Wara li tqis jekk saritx rakkomandazzjoni, l-Qorti trid tgħaddi sabiex tagħmel evalwazzjoni dwar jekk ir-rakkomandazzjoni li saret kienitx ibbażata fuq iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-klijent tenut kont ta' diversi sitwazzjonijiet inkluż il-bżonnijiet partikolari tal-klijent u x-xewqat tiegħu dwar x'tip ta' riskju jrid jieħu u l-iskop għaliex il-klijent irid jagħmel investiment.

Minn eżami akkurat tal-assjem tal-provi jidher ċar li s-soċjetà konvenuta ma qisitx sewwa ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-atturi. L-attur ħadem għomru kollu u fil-mument li wasal għall-pensjoni xtaq illi jinvesti b'mod sigur bil-għan illi jkattar il-flus li kien ġemma' u jżid ftit introjtu ma' dak tal-pensjoni. Qatt ma kien il-ħsieb tal-atturi illi jieħdu xi sogru u dan huwa evidenti wkoll mill-mod ta' kif l-atturi ħadmu flushom b'kawtela matul is-snin. Kif jidher evidenti mill-provi, l-atturi qatt m'għamlu investimenti goffi wisq anqas qatt investew xi flus f'portafoll tal-portata bħal dak tal-investiment mibjugħ lilhom mis-soċjeta' konvenuta. In oltre, l-atturi la kellhom għarfien tal-prodott per se u wisq inqas għarfien approfondit dwar l-investimenti b'mod ġenerali. Mix-xhieda tal-atturi jidher ċar illi huma straħu kompletament fuq dak li kien qiegħed jingħad lilhom mir-rappreżentanta tas-soċjetà konvenuta għaliex din kienet konvinċenti fi kliemha.

Il-Qorti terġa tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Saviour Cutajar vs ALL Invest Company Ltd u għall-prinċipji hemm traċċjati, prinċipji illi huma ta' siwi wkoll għall-każ ta' llum[6]. Ingħad hekk:

[6] Ara wkoll: (1) **PV vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 437/2016); (2) **BN & SN vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 392/2016) deciza fl-14 ta' Gunju 2017; (3) **AF & NF vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 430/2016) deciza fis-27 ta' Settembru 2017; (4) **KP vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 397/2016) deciza fit-28 ta' Novembru 2017; (5) **DK vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 438/2016) deciza fit-28 ta' Dicembru 2017; (6) **SM & OM vs All Invest Company Limited** (Kaz. Nru. 388/2016) deciza fit-30 ta' Jannar 2018; (7) **HL vs All Invest Company Limited** (Kaz nru.389/2016) deciza fit-30 ta' Jannar 2018; (8) **IN vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 465/2016)

"1. *<u>Jekk inghatax servizz ta' promotion and selling jew ta' parir u bejgh</u>*

*L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji sab f'diversi kawzi illi ghalkemm is-socjeta ntimata kkontendiet illi l-klijenti gew offruti diversi prodotti, dan ma kien jiffigura mkien fil-File. Sab inoltre illi s-socjeta ntimata naqset milli tindika li hi qed toffri biss servizz ta' promotion and selling u naqset milli tispjega b'mod car x'ifisser dan. L-Arbitru ghalhekk sab f'diversi kazijiet illi ghalkemm is-socjeta ntimata iddeskriviet li kienet qed taghmel biss promotion and selling, filfatt kienet qed taghti parir dwar servizi finazjarji.*[7]

*Barra minn hekk, skont l-Arbitru, persuna ta' livell t'edukazzjoni w esperjenza f'dan it-tip ta' investiment komparibbli ma' tar-rikorrent ma kellhiex tinghata servizz ta' promotion and selling fic-cirkostanzi, izda "…kellu jinghata servizz ta' parir u jigi iggwidat kif xieraq biex ikun f'qaghda jiddeciedi jekk kellux jinvesti jew le."*[8] *Filfatt, skont l-Arbitru "…kien qed isir abbuz mis-sistema biex il-provditur jigi ezonerat mir-responsabbiltà tieghu."*[9]

---

deciza fit-30 ta' Janna 2018; (9) **CZ & AZ vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 441/2016) deciza fis-6 ta' Frar 2018; (10) **DV & GV vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 472/2016) deciza fit-30 ta' Jannar 2018; (11) **ZL u GL vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 442/2016) deciza fit-13 ta' Marzu 2018; (12) **PQ vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 439/2016) deciza fit-28 ta' Marzu 2018; (13) **RE u FE vs All Invest Company Limited** (Kaz nru. 463/2016) deciza fid-9 ta' Mejju 2018; **Saviour Cutjar vs All Invest Company Limited** (Rik. Ġur Nru. 458/2012), P.A., 18 ta' Jannar 2019 – mhux appellata; **Paul Debono pro et noe et vs ALL Invest Company Ltd** (Rik. Ġur Nru. 620/2013), P.A., 23 ta' Ġunju 2021 – mhux appellata.

[7] Vide per ezempju **RE & FE vs All Invest Company Limited**; **ZL u GL vs All Invest Company**

[8] Vide per ezempju **KP vs All Invest Company Limited**; **ZL u GL vs All Invest Company Limited**

[9] Vide per ezempju **ZL u GL vs All Invest Company Limited**.

*2. L-Appropriateness Test*

*F'numru ta' kawzi, l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji kien "...konvint li dan it-test ma sarx kif kellu jsir u sar ezercizzju biss ta' ittikjar ta' kaxxi."*[10]

*L-Arbitru sab illi s-socjeta ntimata ghamlet numru ta' dikjarazzjonijiet invertieri, u dan specjalment fir-rigward tal-livell t'edukazzjoni u l-esperjenza fil-qasam tal-investiment tal-klijenti taghha.*[11] *Fil-fatt, skont l-Arbitru "…dawn id-dokumenti imtlew kif imtlew biex jiggustifikaw l-investiment, u mhux ghaliex kienu qed jirrapprezentaw il-verità"*[12] *u li ghalkemm "…l-provditur juzahom bhala difiza tieghu biex jghid li, galadarba ffirmahom kien jaf x'qed jigri, fil-fatt jikxfu id il-provditur tas-servizz ta' kif saret it-tranzazzjoni."*[13]

*F'kawzi ohra, ghalkemm fuq prodott differenti, l-Arbitru sab illi ma setghax ikun minnu illi s-socjeta ntimata verament spjegat sew il-prodott u n-natura tieghu lil klijenti, peress illi rrizulta li lanqas is-socjeta ntimata stess "ma kien[itx] konxj[a] minn fatti importanti li kellhom jaghmlu dan l-investiment mhux tajjeb ghal retail clients."*[14]

*3. Il-profil tal-klijenti*

*Minn diversi decizjoniet jirrizulta illi numru ta' klijenti tas-socjeta ntimata kienu persuni b'livell ta' edukazzjoni baziku, jew baxx, li numru minnhom kienu illiterati, jew ma kienux jifhmu bl-Ingliz, u li ma kellhomx l-esperjenza jew taghrif necessarji biex jifhmu l-karatteristici u r-riskji marbuta mal-prodott li kien qed jinbiegh lilhom.*[15] *F'bosta kawzi ghalhekk,*

---

[10] Vide per ezempju **RE & FE vs All Invest Company Limited**. Ara wkoll **DV u GV vs All Invest Company Limited**

[11] Vide per ezempju **RE & FE vs All Invest Company Limited**; **KP vs All Invest Company Limited**

[12] Vide per ezempju **KP vs All Invest Company Limited**.

[13] Idem.

[14] Vide per ezempju **ZL u GL vs All Invest Company Limited**.

[15] RE u FE vs All Invest Company Limited; KP vs All Invest Company Limited; DV u GV vs All Invest Company Limited

*l-Arbitru sab, a bazi ta' dan, illi s-socjeta ntimata ma spjegatx il-prodott li kienet qed tbiegh sew, li kien hemm kaz ta' mis-selling ghaliex il-prodotti in kwistjoni ma kienux appropriate kif trid il-ligi ghall-ilmentaturi u kkonkluda ghalhekk illi s-socjeta ntimata "...ma adempixxie[t]x ruh[ha] mal-obbligi kuntrattwali versu l-ilmentaturi u kkommetta bejgh hazin tal-prodott."*[16]

*4. <u>Dikjarazzjonijiet dwar l-esperjenza tal-klijenti</u>*

*F'diversi decizjonijiet, l-Arbitru dwar is-Servizzi Finanzjarji wasal ghal konkluzjoni illi s-socjeta ntimata bieghet prodotti mhux idoneji, kkonsidrat l-esperjenza tal-klijenti taghha fis-settur tal-investiment. L-Arbitru sab f'diversi decizjonijiet illi s-socjeta ntimata kienet ghamlet ezami erronju tal-esperjenza tal-klijenti taghha u waslet ghalhekk ghal konkluzjoni zbaljata illi l-klijenti kellhom l-esperjenza necessarja sabiex jinvestu f'prodotti kumplessi u ta' riskju gholi meta dan ma kienx minnu.*[17]

*5. <u>Iffirmar ta' formoli</u>*

*F'bosta kawzi, l-Arbitru dwar is-Servizzi Finanzjarji sab illi hafna mid-dokumenti li kienu jigu ffirmati mill-klijenti "…kienu biss jitressqulhom biex jiffirmawhom minghajr ma jkunu konxji dan x'jimporta."*[18]

*Rigward l-iffirmar ta' formoli skont liema l-klijent kien investitur esperjenzat, l-Arbitru sab illi "Il-provditur tas-servizz biex donnu jiggustifika ruhu ha 'Experienced Declaration Form' minghand l-ilmentaturi. Din kienet dikjarazzjoni bi kliem tekniku li ma kienx jinftiehem mill-ilmentaturi u mhi xejn hlief formola ta' ezoneru ghall-provditur tas-servizz biex ikun jista' jghid, ghal skop regolatorju, li kien mexa mar-regoli."*[19]

---

[16] RE u FE vs All Invest Company Limited; DV u GV vs All Invest Company Limited
[17] RE u FE vs All Invest Company Limted, KP vs All Invest Company Limited; PQ vs All Invest Company Limited; ZL u GL vs All Invest Company Limited;
[18] ZL u GL vs All Invest Company Limited;
[19] DV u GV vs All Invest Company Limited. Ara wkoll PQ vs All Invest Company Limited

*Illi dawn id-decizjonijiet msemmija jkomplu jdghajjfu t-tezi tas-socjeta ntimata ghaliex jitfghu dawl fuq il-modus operandi tas-socjeta ntimata, u fuq l-imgieba taghha versu klijenti li kellhom livell baxx t'edukazzjoni, kienu illetterati u/jew ma jifhmux bl-Ingliz bhal ma kien ir-rikorrent. Il-Qorti tirrileva illi dawn id-decizjonijiet ukoll ikomplu jsahhu l-fehma taghha illi s-socjeta ntimata hija hatja ta' agir irresponsabbli u deplorabbli versu r-rikorrent, u illi l-verzjoni tar-rikorrent hija ferm aktar kredibbli minn dik tas-socjeta ntimata*."

Il-fatturi kollha elenkati fil-bran appena ċitat huma simili jekk mhux addirittura identiċi għall-fatturi li taw lok għall-proċeduri tal-lum.

Fil-fehma tal-Qorti s-servizz li ġie offrut lill-atturi għandu jiġi meqjus bħala rakkomandazzjoni impliċita fejn ir-rappreżentanta tas-soċjetà konvenuta offriet lill-atturi prodott wieħed uniku, mingħajr għażla bejn prodott u ieħor.  Jidher ukoll illi l-istess rappreżentanta rreklamat il-prodott mertu ta' din il-kawża bħala wieħed ideali għall-atturi u kienet aktar u aktar konvinċenti fi kliemha meta tenniet li anki hi u l-familjari tagħha investew fl-istess prodott.  Imkien mix-xhieda ma jirriżulta li s-soċjetà konvenuta għamlitha ċara li ma kienitx qegħda tagħti parir lill-atturi.  Anzi, tant l-atturi ħassew li r-rappreżentanta tas-soċjetà konvenuta kienet qegħda tagħtihom parir li straħu fuqha kompletament.  Għalhekk, ġa la darba s-soċjetà ntimata ma ċċaratx l-irwol tagħha f'dan il-bejgħ u cioè m'għarrfitx lill-atturi li ma kienitx qegħda tagħtihom parir, il-Qorti ssibha li naqset mill-obbligi tagħha.

Is-soċjetà konvenuta naqset ukoll meta m'għamlitx *suitability assessment* u b'hekk offriet lill-atturi prodott li evidentement ma kienx addattat għalihom mhux biss għaliex ma kellhomx il-kapaċitajiet intellettwali u l-esperjenza sabiex jifhmu fhiex sewwa sew kien jikkonsisti dan l-investiment, iżda wkoll għaliex l-atturi qatt ma riedu jassumu riskju daqstant għoli bil-flus li ġemmgħu matul ħajjithom.  L-għan tal-atturi kien wieħed sempliċi – li jkollhom dħul ulterjuri fix-xahar sabiex ilaħħqu aħjar mal-ħajja.  Qatt ma kien f'moħħhom li jissograw jitilfu dak li damu tant snin jaħdmu għalih.  Din l-indaġini hija tassattiva

f'kuntest fejn jingħata parir finanzjarju bil-konsegwenza li n-nuqqas ipoġġi lis-soċjetà konvenuta fi ksur tal-obbligi legali tagħha.

B'żieda ma dak illi diġà ingħad, il-Qorti żżid tosserva illi fil-formoli relattivi għall-investiment is-soċjetà konvenuta niżżlet informazzjoni inveritjiera bl-iskop illi teżimi ruħha mill-obbligi legali li għandha fil-konfront tal-atturi.

Magħduda lkoll flimkien, iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ jwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li l-aġir tas-soċjetà konvenuta fil-konfront tal-atturi kien wieħed altament skorrett u negliġenti. Apparti li dan l-aġir juri nuqqas ta' onesta, trasparenza u professjonalità da parti tas-soċjetà konvenuta, juri wkoll illi hija naqset pależement milli tosserva l-obbligi legali u tassattivi tagħha. Inutli għas-soċjetà konvenuta li targumenta li l-atturi messhom stennew qabel biegħu l-investiment għaliex kif irriżulta mill-provi, l-investiment baqa' qatt ma rkupra għal dak illi kien fil-mument li l-prodott ġie propost u mibjugħ lill-atturi. Huwa evidenti li s-soċjetà konvenuta tramite l-impjegati taghha kienet aktar interessata fil-profitti li setgħet tagħmel mill-bejgħ tal-investimenti milli li tħares l-interessi tal-klijenti tagħha.

Ferm il-premess, il-Qorti tqis illi s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għat-telf imġarrab mill-atturi u għalhekk għandha tirrifondihom lura l-ammont kollu minnhom mitluf mill-investiment kif ukoll l-imgħaxijiet legali ai termini tal-Artikolu 1047 tal-Kap. 16. Għalhekk, l-ammont li s-soċjetà konvenuta għandha tirrifondi lura *qua* telf imġarrab mill-atturi huwa dak fis-somma komplessiva ta' €17,542.60. In oltre, s-soċjetà konvenuta għandha wkoll tħallas lill-atturi l-imgħax legali fuq l-ammont globali minnhom investit. Peress illi l-atturi għamlu żewġ investimenti separati, fuq is-somma ta' €51,669.50 rappreżentanti l-ewwel investiment, l-imgħax għandu jkun dekorribbli mill-24 t'Ottubru 2006 u cioè minn dak inhar illi sar l-imsemmi investiment, waqt illi fuq it-tieni investiment fis-somma ta' €17,250.89 l-imgħax għandu jkun dekorribbli mill-21 ta' Mejju 2007. Minbarra dan, il-Qorti qeghda takkorda lir-rikorrenti *arbitrio boni viri* s-somma ta' €1000 bhala spejjez inkorsi ghas-servizzi tal-espert "*ex parte*" minnhom inkarigat.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-ohra kollha.

3. Tilqa' t-talbiet kollha, tillikwida d-danni mġarrba mill-atturi fis-somma ta' tmintax-il elf hames mija u tnejn u erbghin Ewro u sittin centezmu (€18,542.60) u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ammont hekk likwidat flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli mill-24 t'Ottubru 2006 fuq is-somma ta' wiehed u hamsin elf sitt mija u disa' u sittin Ewro u hamsin centezmu (€51,669.50) u mill-21 ta' Mejju 2007 fuq is-somma ta' sbatax-il elf mitejn u hamsin Ewro u disa' u tmenin centezmu (€17,250.89), sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż għandhom jitħallsu interament mis-soċjetà konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG